



Brussell, 16 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11829/20

LIMITE

ENV 594
CLIMA 232
AGRI 321
FORETS 30
MARE 24
PECHE 317
SAN 358
RECH 363

ENER 338
ECOFIN 932
DEVGEN 136
SUSTDEV 136
RELEX 760
WTO 258
ONU 51
FAO 22

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	11569/20
Nru dok. Cion:	8219/20 + ADD 1 - COM(2020) 380 final
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-Bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti - Approvazzjoni

1. Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni bagħtet il-Komunikazzjoni tagħha "Strateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita" ¹ lill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni hija wieħed mill-elementi ċentrali tal-Patt Ekoloġiku. Hija għandha l-għan li tipproteġi u tirrestawra l-bijodiversità u l-ekosistemi li jiffunzjonaw tajjeb tal-Ewropa li huma kruċjali biex tingħata spinta lir-reżiljenza tal-ekonomija u s-soċjetajiet tal-UE għal theddid futur bħall-impatti tat-tibdil fil-klima, in-nirien fil-foresti, l-insigurtà tal-ikel jew it-tifqigħat ta' mard. Għal dan il-għan il-Komunikazzjoni tinkludi għadd ta' impenji dwar il-protezzjoni u r-restawr tan-natura, qafas sod ġdid ta' governanza tal-bijodiversità u azzjoni globali ambizzjuża tal-UE dwar il-bijodiversità.

¹ 8219/20 + ADD1 - COM(2020) 380 finali.

2. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, ippreżentati mill-Presidenza fis-6 ta' Lulju 2020, ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fil-laqgħat tiegħu f'Lulju, Settembru u Ottubru 2020. Wara d-diskussjonijiet fil-livell tal-esperti ntlaħaq qbil wiesa' dwar it-test u l-maġġoranza tad-delegazzjonijiet kienu lesti jaċċettawh mingħajr bidliet. Madankollu, xi kwistjonijiet baqgħu miftuħa.
3. Il-Presidenza kienet ħejjiet verżjoni ġdida tal-abbozz ta' konklużjonijiet għall-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, bil-għan li jiġi indirizzat it-tħassib li fadal. Il-Kumitat eżamina t-test fl-14 ta' Ottubru 2020 u approva l-konklużjonijiet bil-bidliet fil-paragrafi 2, 9, 21 u 53. Delegazzjoni waħda daħħlet riżerva ta' skrutinju.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020.

**Il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti
- Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill -**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR:

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

- Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030²;
- Tħejjija tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika³;
- Il-Progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku ġdid għall-foresti⁴;
- Aktar ċirkolarità - tranżizzjoni lejn soċjetà sostenibbli⁵;
- It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Nibdlu x-Xejriet Flimkien⁶;
- Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja⁷;
- L-Oċeani u l-Ibhra⁸;

² 8286/19.

³ 15272/19 + COR 1.

⁴ 8609/19.

⁵ 12791/19.

⁶ 12795/19.

⁷ 15151/19.

⁸ 14249/19.

JINSAB IMĦASSEB ĦAFNA dwar ir-rata globali tat-telfien tal-bijodiversità, l-istat attwali tan-natura fl-Unjoni u l-progress limitat li sar biex tiġi protetta l-bijodiversità; HUWA KONXJU BIS-SĦIĦ li t-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema fuq skala lokali, regionali u globali, u t-telfien tas-servizzi tal-ekosistema jgħolqu theddid dirett u eżistenzjali għall-ħajja u l-benesseri tal-bniedem; u jipperikolaw is-sisien tas-soċjetà u tal-ekonomija tagħna;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-ħames fatturi diretti ewlenin tat-telfien tal-bijodiversità huma l-bidliet fl-użu tal-art u tal-baħar, l-isfruttament żejjed tar-riżorsi naturali, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u l-ispeċijiet aljeni invażivi; u li kemm il-fatturi diretti tat-telfien tal-bijodiversità kif ukoll dawk indiretti jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti u effettiv;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija", hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandha l-għan li tagħmel l-ekonomija tal-UE sostenibbli u newtrali għall-klima sal-2050, tipproteġi, tirrestawra u tuża l-bijodiversità b'mod sostenibbli, ittejjeb is-saħħa taċ-ċittadini u tiżgura sostenibbiltà, iċ-ċirkolarità u l-inklużività tal-ekonomija tagħna;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li ċerti interventi tal-bniedem fl-ekosistemi jżidu r-riskju li jitfaċċa mard infettiv zoonotiku; FILWAQT LI JISĦAQ FUQ il-fatt li l-protezzjoni, iż-żamma u r-restawr tal-bijodiversità u ta' ekosistemi f'saħħithom u li jiffunzjonaw tajjeb ser jagħtu kontribut importanti biex tingħata spinta lir-reżiljenza tagħna u jiġu evitati l-emerġenza u t-tixrid ta' mard għdid; FILWAQT LI JENFASIZZA f'dan il-kuntest il-valur tal-approċċ "Saħħa Waħda", li jħaddan l-interkonnessjonijiet bejn is-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ambjent;

FILWAQT LI JISĦAQ FUQ il-fatt li l-Istrateġija bħala parti integrali mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li tkun element ċentrali tal-pjan ta' rkupru tal-UE ⁹;

⁹ Maqbul mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Lulju 2020 (EUCO 10/20) u li bħalissa qed jiġi nnegożjat mal-Parlament Ewropew.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li t-telfien tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima kif ukoll is-soluzzjonijiet rispettivi tagħhom huma intrinsikament marbutin; FILWAQT LI JISĦAQ FUQ il-fatt li soluzzjonijiet ¹⁰ibbażati fuq in-natura li jrawmu l-bijodiversità ser ikollhom rwol importanti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima;

FILWAQT LI JISĦAQ li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija teħtieġ azzjoni effettiva fis-setturi ta' politika rilevanti kollha fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri; u li s-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji, b'mod partikolari l-partijiet ikkonċernati speċifikament affettwati mill-miżuri previsti fl-Istrateġija, speċjalment fis-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd, tal-forestrija u tal-estrazzjoni, għandhom ikunu involuti fl-implimentazzjoni tagħha; FILWAQT LI JENFASIZZA li fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija, jenħtieġ li jiġu evitati piżijiet amministrattivi żejda, speċjalment għall-utenti tal-art u għan-negozji, iżda wkoll għall-amministrazzjoni pubblika;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li biex l-Istrateġija tiġi implimentata b'mod effettiv, ser ikun vitali li jiġu eżaminati bir-reqqa s-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2020;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u tal-ekosistemi jħallu benefiċċji ekonomiċi potenzjali diretti u indiretti għall-biċċa l-kbira tas-setturi tal-ekonomija, li n-negozji kollha jiddependu fuq l-assi kapitali naturali u s-servizzi tal-ekosistema direttament jew indirettament, inkluż permezz tal-ktajjen tal-provvista tagħhom, u li l-ispejjeż ta' azzjoni insuffiċjenti huma għoljin u mistennija jiżdiedu; HUWA KONXJU li politika mtejba dwar il-bijodiversità li jkollha miżuri effettivi għandha l-potenzjal li ssaħħa il-kompetittività tal-ekonomija u tal-industrija u li toħloq opportunitajiet ġodda ekonomiċi u għall-impjiegi, pereżempju fl-oqsma tat-teknoloġija ambjentali, it-turiżmu u r-rikreazzjoni, ir-restawr tan-natura u l-provvista ta' servizzi tal-ekosistema;

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li l-Unjoni Ewropea tinsab lesta li turi ambizzjoni kbira biex twaqqaf u, fejn ikun possibbli, treġġa' lura t-telfien tal-bijodiversità, biex tmexxi lid-dinja bl-eżempju u bl-azzjoni, u biex tgħin fil-ftehim u l-adozzjoni ta' qafas globali trasformativ għall-bijodiversità għal wara l-2020 waqt il-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika; FILWAQT LI JINNOTA li l-adozzjoni ta' dawn l-ambizzjonijiet globali tista' tikkontribwixxi wkoll għall-kompetittività tal-UE jekk il-partijiet kollha jaġixxu f'konformità ma' dawn l-ambizzjonijiet;

¹⁰ Definiti bħala soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu biex tinbena r-reżiljenza; ara wkoll <https://ec.europa.eu/research/environment/index.cfm?pg=nbs>.

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI l-isforzi globali għall-prevenzjoni, it-twaqqif u t-treġġiġi lura tad-degradazzjoni tal-ekosistemi madwar id-dinja fil-qafas tad-Deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Restawr tal-Ekosistema ta' bejn l-2021 u l-2023;

FILWAQT LI JESPRIMI tħassib li l-bijodiversità tal-baħar tinsab f'riskju serju, kif enfasizzat fir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-2019 tal-IPBES dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi tal-Ekosistema, fil-ħames edizzjoni tal-Prospettiva Globali tal-Bijodiversità (GBO-5) u r-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar it-Tibdil fil-Klima fir-rigward tal-Oċean u l-Krijosfera; FILWAQT LI JISTINKA biex jiżgura li l-kwistjonijiet relatati mal-baħar jagħmlu parti integrali mill-qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha hija essenzjali għad-dinja tagħna biex niżguraw haġja paċifika u sikura għall-ġenerazzjoni attwali u dawk li jmiss filwaqt li nirrispettaw il-limiti ekoloġiċi tal-pjaneta tagħna; FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza u l-kontribut kruċjali tan-natura, il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema għall-kisba tal-SDGs; FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI kull wieħed mit-tliet dimensjonijiet tas-sostenibbiltà;

IL-ĦTIEĠA GĦAL AZZZJONI URĠENTI

1. JAPPROVA l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġiġu n-natura lura f'haġġitna ¹¹; u JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiġi żgurat appoġġ reċiproku mal-inizjattivi kollha fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-oġġettivi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, fost oħrajn dawk relatati mas-sigurtà tal-ikel, is-saħħa, it-tibdil fil-klima u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-art u tal-baħar, speċjalment l-agrikoltura u s-sistemi tal-ikel sostenibbli, is-sajd sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;
2. JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tippovdi valutazzjoni tal-impatt dettaljata għal kwalunkwe proposta leġislattiva li hija tista' tressaq, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, inkluż valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità tal-miżuri proposti u, jekk ikun meħtieġ, valutazzjoni tal-kumpens u l-finanzjabbiltà tagħha; JISTIEDEN lill-Kummissjoni telabora aktar dwar il-finanzjabbiltà ta' elementi tal-Istrateġija;

¹¹ 8219/20 + ADD 1.

3. JIDDIKJARA li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija teħtieġ sforz kollettiv mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mis-soċjetà kollha kemm hi; u JAPPELLA biex jagħtu bidu għall-miżuri ta' implimentazzjoni malajr u b'mod ambizzjuż; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal mezzi finanzjarji korrispondenti;

IL-PROTEZZJONI U R-RESTAWR TAN-NATURA FL-UNJONI EWROPEA

4. JIRRIKONOXXI li filwaqt li fil-livell tal-UE u dak nazzjonali hemm fis-seħħ oqfsa legali, strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu protetti l-bijodiversità u n-natura u biex jiġu rrestawrati l-ħabitats u l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet degradati, jeħtieġ li nżidu l-protezzjoni u r-restawr tan-natura sabiex il-bijodiversità taqbad it-triq tal-irkupru sal-2030 u nindirizzaw b'mod effettiv il-fatturi diretti u indiretti tat-telfien tal-bijodiversità u tan-natura;
5. JIRRIKONOXXI li l-ekosistemi tal-baħar u tal-art fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE għandhom valur tal-bijodiversità eċċezzjonalment għoli u jenħtieġ li jiġu inklużi f'dawn l-isforzi;
6. JILQA' - filwaqt li jitqies il-paragrafu 1 - b'mod partikolari l-miri fil-livell tal-UE elenkati fi tmien it-taqsima 2.1 "Network koerenti taż-żoni protetti" u t-taqsima 2.2 "Pjan tal-UE għar-Restawr tan-Natura: ir-restawr tal-ekosistemi madwar l-art u l-baħar" tal-Istrateġija, anki bħala bażi essenzjali għad-diskussjonijiet politiċi u soċjetali meħtieġa bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati;
7. JISSOTTOLINJA li jeħtieġ li jiġu ċċarati d-definizzjonijiet fir-rigward ta' xi impenji ewlenin, b'kont meħud tal-obbligi internazzjonali tal-UE; JISĦAQ FUQ il-fatt li diversi impenji ewlenin jiddependu fuq id-determinazzjoni konġunta tad-definizzjonijiet u tal-kriterji mill-Kummissjoni u l-Istati Membri;
8. JENFASIZZA li għandhom jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi kif ukoll il-miżuri li diġà ttieħdu fl-Istati Membri individwali fir-rigward tal-ilħuq tal-miri fil-livell tal-UE msemmija fl-Istrateġija;

9. JILQA' l-oġġettiv li jinġholoq network koerenti ta' żoni protetti ġestiti b'mod tajjeb u li jiġu protetti mill-inqas 30 % taż-żona tal-art tal-UE u 30 % taż-żona tal-baħar tagħha, fejn terz ta' kull żona jiġi protett b'mod strett, li jirrappreżenta 10 % tal-art fl-UE u 10 % tal-baħar fl-UE; JENFASIZZA li dan huwa oġġettiv li għandu jintlaħaq mill-Istati Membri b'mod kollettiv, bl-Istati Membri kollha jipparteċipaw f'dan l-isforz konġunt kif ukoll iqisu il-kundizzjonijiet nazzjonali; JISĦAQ li dan in-network jenħtieġ li jkun ibbażat fuq in-network Natura 2000 u jiġi kkomplementat minn deżinjazzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri;
10. JENFASIZZA li l-kjarifika u l-implimentazzjoni ulterjuri ta' dawn il-miri jeħtieġu proċess parteċipattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, inkluż l-iżvilupp ta' fehim komuni tad-definizzjonijiet u l-kriterji għad-deżinjazzjoni ta' żoni protetti addizzjonali kif ukoll definizzjoni ta' protezzjoni stretta; JISSOTTOLINJA li f'dan il-proċess, jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti l-kategoriji nazzjonali eżistenti ta' żoni protetti u ċerti miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona (OECMs, kif iddefiniti mill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika - KDB); JENFASIZZA li l-livell aktar strett ta' protezzjoni jista' jippermetti ċerti attivitajiet tal-bniedem, li jkunu konformi mal-oġġettivi ta' konservazzjoni taż-żona protetta;
11. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva taż-żoni protetti kollha, li jiġu ddefiniti oġġettivi u miżuri ċari għall-konservazzjoni, u li dawn jiġu sorveljati u msaħħa b'mod xieraq, filwaqt li jitqiesu l-effetti tat-tibdil fil-klima;
12. JISSOTTOLINJA l-importanza li titnaqqas b'mod sinifikanti l-frammentazzjoni tal-ħabitats, pereżempju minħabba proġetti ta' infrastruttura jew id-degradazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, u l-ħtieġa għal miżuri biex tittejjeb, tiġi rrestawrata u tiġi żgurata l-konnettività ekoloġika tal-ħabitats fl-UE;
13. JIRRIKONOXXI li ser ikun essenzjali li tiġi evitata d-degradazzjoni ulterjuri tal-istat attwali tal-bijodiversità u tan-natura, iżda dan mhux ser ikun biżżejjed biex in-natura terġa' ssir parti minn haġġitna; JAFFERMA MILL-ĠDID li hija meħtieġa ambizzjoni akbar fuq ir-restawr tan-natura kif propost fil-Pjan il-ġdid tal-UE għar-Restawr tan-Natura, li jinkludi miżuri għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità lil hinn miż-żoni protetti; u JISTENNA proposta għal miri legalment vinkolanti favur ir-restawr tan-natura, soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt;

14. ITENNI t-talba tiegħu biex l-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar il-bijodiversità jiġu integrati b'mod urġenti fl-oqsma ta' politika rilevanti l-oħra kollha tal-UE u daww nazzjonali, inkluż is-setturi kollha li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-bijodiversità; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tintegra dawn l-oġġettivi fi proposti leġislattivi futuri u lill-Istati Membri biex jintegraw tali oġġettivi fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE u daww nazzjonali;
15. JILQA' l-fatt li l-Istrateġija għandha l-għan li treġġa' n-natura lura fl-ibliet u fiż-żoni urbani u li twaqqaf it-telf ta' ekosistemi urbani ekoloġiċi; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-integrazzjoni sistematika ta' infrastruttura ekoloġika u ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-ippjanar urban, inkluż fl-ispazji pubbliċi, fl-infrastruttura, u fid-disinn tal-bini u tal-madwar;
16. JILQA' l-fatt li l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tniedet fl-istess żmien tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u li ser tiġi implimentata magħha u ma' politiki oħra bħall-Politika Agrikola Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd, u l-Politika ta' Koeżjoni, fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom, kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari; JILQA' t-tnejn tal-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti u l-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima; JAPPELLA għal mezzi u għodod speċifiċi biex jiġi żgurat approċċ kooperattiv koerenti u effettiv;
17. Sabiex tiġi minimizzata l-erożjoni ġenetika u titħares id-diversità ġenetika, JISĦAQ fuq il-ħtieġa tal-preservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità ġenetika tal-pjanti kkultivati, il-qraba tagħhom li jikbru fis-selvaġġ, u l-annimali domestiċi u daww imrobbija fl-irziezet, u l-protezzjoni u ż-żamma tad-diversità ġenetika tal-ispeċijiet slavaġ, inkluż permezz ta' miżuri ta' konservazzjoni in situ u ex situ;
18. JENFASIZZA r-rwol vitali tad-dakkara għal ekosistemi b'saħħithom u għas-sigurtà tal-ikel u n-neċessità li t-tnaqqis tagħhom jitreġġa' lura; JAPPELLA għal oġġettivi u indikaturi dettaljati fir-rigward tal-impenn ewlieni "Jitreġġa' lura t-tnaqqis fid-dakkir" tal-Istrateġija;
19. JISSOTTOLINJA r-rwol prominenti tal-ekosistemi tal-ilma ħelu għall-konnettività ekoloġika kif ukoll għall-funzjonijiet naturali u għas-servizzi tal-ekosistema li jipprovdu, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' aktar azzjoni għar-restawr ta' xmajjar, art mistagħdra u pjanturi mfawra, fl-konformità mal-oġġettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;

20. JAGĦRAF li hemm bżonn urġenti li l-azzjoni għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u tal-kosta titmexxa 'l quddiem, inkluż billi jiġu indirizzati t-tgħiddiet il-kbar, bħall-ħsara li jħallu t-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-baħar fil-forom kollha tiegħu, inkluż l-istorbju taħt il-baħar, kif ukoll l-isfruttament żejjed tar-riżorsi tal-baħar u l-introduzzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi;
21. JISĦAQ fuq l-importanza ta' ekosistemi tal-foresti b'saħħithom u reżiljenti, li jwettqu ħafna funzjonijiet, u fuq il-protezzjoni tal-foresti primarji li fadal; u JILQA' l-proċessi parteċipatorji li għaddejjin bħalissa għad-definizzjoni, l-immappjar u l-monitoraġġ ta' foresti primarji u antiki, bil-għan li tiġi żgurata l-konservazzjoni tagħhom;
22. IFAKKAR fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar Speċijiet Aljeni Invażivi ¹²; JISĦAQ fuq il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ l-azzjoni kontra l-ispeċijiet aljeni invażivi u li l-introduzzjoni ta' speċijiet invażivi ġodda fl-ambjent tal-UE titnaqqas kemm jista' jkun u fejn possibbli ma titħalliex issir;
23. IFAKKAR li t-tniġġis huwa wieħed mill-fatturi diretti ewlenin li jwasslu għat-telf tal-bijodiversità; JILQA' l-proposti magħmula fl-Istrateġija għat-tnaqqis tat-tniġġis; JISTENNA b'interess il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero mħabbar għall-2021; u JAQBEL li għad jenħtieġ li jsiru sforzi akbar, fost oħrajn biex it-tniġġis tal-ambjent mill-plastik u tniġġis ieħor ikun evitat, imnaqqas u finalment imwaqqaf;
24. JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fiż-żieda tal-isforz biex tipproteġi aħjar il-ħamrija u l-bijodiversità tal-ħamrija, bħala riżorsa mhux rinnovabbli ta' importanza vitali, kif ukoll biex tnaqqas l-issiġillar tal-ħamrija, u JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE li tilħaq in-newtralità fid-degradazzjoni tal-art; JILQA' l-aġġornament ippjanat tal-Istrateġija Tematika tal-UE għall-ħamrija; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati minnufih id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art fl-UE; ITENNI r-rieda li jsir progress lejn l-oġettiv ta' "teħid nett zero ta' art" sal-2050;

¹² Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35–55).

25. JISSOTTOLINJA li l-qafas Ewropew il-ġdid għall-governanza tal-bijodiversità għandu jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u li l-proposti rilevanti kollha jenħtieġ li jitħejjew u jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mal-Istati Membri; JAQBEL li huwa meħtieġ qafas ta' monitoraġġ b'saħħtu sabiex isegwi l-implimentazzjoni tal-Istrateġija kif ukoll l-istatus u x-xejriet tal-bijodiversità, filwaqt li jiġi evitat aktar piż amministrattiv bla bżonn, b'mekkaniżmi għall-eżami tal-progress u ż-żieda fl-azzjoni jekk meħtieġ;
26. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE huma l-qofol tal-Istrateġija; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam;
27. JAGĦRAF il-valur tal-kollaborazzjoni u tal-iskambju tal-esperjenzi bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali u dawk tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-kriminalità ambjentali u l-imġiba ta' ħsara għall-bijodiversità;
28. JAQBEL li biex jiġu indirizzati t-telf tal-bijodiversità, iż-żamma tal-ekosistemi f'kundizzjoni tajba u r-restawr tal-ekosistemi ser ikun meħtieġ investment pubbliku u privat sinifikanti fil-livell nazzjonali u Ewropew; JIRRIKONOXXI l-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni li biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' din l-Istrateġija, fosthom il-prijoritajiet ta' investment għal Natura 2000 u l-infrastruttura ekoloġika, jenħtieġ li jitwarrbu mill-anqas EUR 20 biljun kull sena biex jintefqu fuq in-natura; JISSOTTOLINJA li proporzjon sinifikanti ta' 30 % tal-baġit tal-UE u n-nefqa ta' Next Generation EU ddedikati għat-tibdil fil-klima jenħtieġ li jiġu investiti fil-bijodiversità u f'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li jrawmu l-bijodiversità; JENFASIZZA l-importanza ta' verifika effettiva tal-bijodiversità kif ukoll ta' metodu aħjar ta' traċċar tal-bijodiversità;

29. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-protezzjoni u r-restawr tan-natura u tal-bijodiversità jkunu prijorità għall-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew; JENFASIZZA li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" hija kruċjali sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi fuq il-bijodiversità mill-programmi ta' appoġġ ekonomiku u biex jiġi żgurat li investimenti ekonomiċi, kull fejn possibbli, jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità;
30. JISSOTTOLINJA li t-tassonomija tal-finanzi sostenibbli tal-UE mistennija tgħin tiggwida l-investiment lejn l-irkupru ekoloġiku, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-investiment favur il-bijodiversità;
31. KONXJU mill-importanza ta' industriji sostenibbli tal-minjieri fl-UE; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-impatti negattivi tal-minjieri fuq il-bijodiversità jiġu evitati, minimizzati u, jekk dan ma jkunx possibbli, jiġu kkompensati bil-għan li l-impronta ekoloġika tagħhom titnaqqas kemm fl-UE kif ukoll globalment; u JISSOTTOLINJA li l-mudelli ta' negozju ċirkolari u l-użu ta' materja prima sekondarja jeħtieġ li jiġu inkoraġġuti;
32. JILQA' l-fatt li fl-2021 il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ser tiżviluppa metodi, kriterji u standards biex tiddeskrivi l-karatteristiċi essenzjali tal-bijodiversità, is-servizzi, il-valur, u l-ġestjoni u l-użu sostenibbli tagħha, fosthom il-kejl tal-impronta ekoloġika tal-prodotti u s-servizzi, fost l-oħrajn permezz ta' approċċi taċ-ċiklu tal-ħajja u kontabbiltà tal-kapital naturali;
33. JILQA' l-inizjattivi tal-Kummissjoni għal moviment ta' Negozju Ewropew għall-Bijodiversità u governanza korporattiva sostenibbli; JISĦAQ fuq ir-rwol ewlieni tas-settur privat għall-ħarsien tal-bijodiversità u għall-ktajjen ta' valur favur il-bijodiversità b'ġestjoni aħjar tal-bijodiversità fis-siti tagħhom, waqt li jagħmlu ħilithom biex inaqqsu l-impronta ekoloġika tal-prodotti u s-servizzi, u jaħdmu mal-ktajjen tal-provvista sabiex itaffu l-ħsara lill-ekosistemi, inaqqsu t-tniġġis u jwaqqfu d-deforestazzjoni; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tintegra aspetti rilevanti tal-Istrateġija meta tiżviluppa gwida għal setturi ekonomiċi ewlenin;

34. JISSOTTOLINJA li l-azzjonijiet meħuda kontra t-telf tal-bijodiversità jrid ikollhom pedament xjentifiku sod u li l-investiment fir-riċerka, l-innovazzjoni, l-iskambju tal-għarfien, is-sensibilizzazzjoni, u l-edukazzjoni ser ikunu kruċjali biex tinġabar l-aħjar data u jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet; JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' użu intensifikat tal-għarfien eżistenti li joriġina minn proġetti ta' riċerka Ewropej, internazzjonali u reġjonali u mill-għarfien lokali u mill-għarfien tal-popli indiġeni, abbażi tal-approvazzjoni li jagħtu minn qabel b'mod liberu u infurmat, kif ukoll il-ħtieġa tal-approfondiment ta' riċerka inter u transdixxiplinarja dwar il-bijodiversità sabiex jiġi żgurat li l-oġettivi tal-Istrateġija jintlaħqu; JAPPOĠĠA aġenda ambizzjuża ta' riċerka dwar il-bijodiversità, l-istabbiliment ta' Sħubija għall-Bijodiversità u Sħubiji rilevanti oħra li jagħtu riżultati għall-bijodiversità fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni l-ġdid Orizzont Ewropa; JILQA' l-aħbar tal-Kummissjoni li fl-2020 ser tistabbilixxi Ċentru ġdid tal-Għarfien għall-Bijodiversità f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u li ser tipproponi Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali fl-2021;

L-UNJONI EWROPEA GĦAL AĠENDA GLOBALI AMBIZZJUŻA DWAR IL-BIJODIVERSITÀ

35. JENFASIZZA li l-bijodiversità hija prijorità ewlenija għall-azzjoni esterna tal-UE u li huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-ambizzjoni għolja tal-UE u tal-Istati Membri kif ukoll li jiġu mmobilizzati l-isforzi kollha għall-ġid tal-bijodiversità tad-dinja; JISĦAQ fuq il-fatt li l-involvement u l-kooperazzjoni internazzjonali u reġjonali ser ikunu kruċjali fir-rispons għall-kriżi fil-bijodiversità u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jaħdmu aktar għas-sensibilizzazzjoni dwar il-bijodiversità bħala parti minn diplomazija koerenti tal-Patt Ekoloġiku tal-UE;
36. JESPRIMI TĦASSIB SERJU li b'mod ġenerali ma sarx progress biżżejjed biex jintlaħqu l-miri tal-Bijodiversità ta' Aichi għall-perijodu 2011-2020, maqbula globalment skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika, għax l-ebda mira ma ntlaħqet kompletament; JIBQA' IMPENJAT BIS-SĦIĦ li l-UE ser tmexxi bl-eżempju u ser tagħmel l-isforzi kollha biex taqbel dwar qafas globali ġdid għall-bijodiversità li jkun trasformattiv u ambizzjuż fil-ħmistax-il Konferenza li jmiss tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità Ekoloġika;

37. JIRRIKONOXXI l-impronta ekoloġika globali tal-UE u l-ħtieġa urġenti għat tnaqqis fl-effetti globali negattivi tal-produzzjoni u l-konsum tal-UE, anke biex tissaħħaħ il-kredibbiltà tar-rwol tal-UE bħala mexxej;
38. JENFASIZZA li l-elementi deskritti fl-Istrateġija - il-miri globali ġenerali għall-bijodiversità għall-2050, il-miri globali ambizzjużi għall-2030 f'konformità mal-impenji tal-UE f'din l-Istrateġija, mekkaniżmu ħafna aktar b'saħħtu għall-proċess ta' implimentazzjoni, monitoraġġ u rieżami, qafas abilitanti biex l-ambizzjoni ssir realtà, fuq diversi oqsma bħall-finanzi, l-iżvilupp tal-kapaċità, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija, l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u t-tqassim ġust u ekwitabbli tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi marbuta mal-bijodiversità u l-prinċipju tal-ugwaljanza, inkluż is-sehem sħiħ u effettiv tal-popli indیgeni u tal-komunitajiet lokali - huma bażi tajba ħafna għal aktar diskussjoni fil-livell internazzjonali u jikkontribwixxu għall-pożizzjoni tal-UE fil-ħmistax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;
39. JENFASIZZA, fir-rigward tar-rwol tal-popli indیgeni, l-importanza tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indیgeni (A/RES/61/295);
40. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-approċċ prekawzjonarju, inkluż fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-protokoll tagħha;
41. JILQA' l-ħidma skont il-Protokoll ta' Kartaġena, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-effetti dannużi possibbli assoċjati mal-bijoteknoloġiji; barra minn hekk, JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Protokoll ta' Nagoya biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-Protokoll kompletament operazzjonali;
42. JENFASIZZA f'dan il-kuntest l-importanza li jinstabu sinerġiji u kobenefiċċji ma' ftehimiet ambjentali multilaterali marbuta mal-bijodiversità u bejn it-tliet Konvenzjonijiet ta' Rio, kif ukoll li kunsiderazzjonijiet u miri tal-bijodiversità jiġu integrati fil-proċessi internazzjonali u reġjonali rilevanti;

43. IFAKKAR fl-impenji u l-isforzi magħmula fi ħdan il-Kummissjoni dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi għall-Ikel u l-Agrikoltura tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiġu implimentati l-prinċipji tal-konservazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli, partikolarment fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi tal-annimali, akkwatiċi, tal-pjanti u tal-foresti, kif ukoll oqsma tematiċi li qed ifiġġu fosthom il-mikroorganiżmi, l-invertebrati, in-nutrizzjoni u s-saħħa; u JASSERIXXI l-importanza ta' kooperazzjoni kostanti mill-qrib ma' dan il-forum bil-għan li l-għanijiet komuni jintlaħqu, r-riżorsi jintużaw b'mod effiċjenti u d-duplikazzjoni tiġi evitata;
44. JIRRIKONOXXI li l-ekosistemi tal-baħar u tal-art fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej assoċjati mal-UE għandhom valur eċċezzjonalment għoli ta' bijodiversità;
45. JENFASIZZA l-importanza li jinkiseb status ambjentali tajjeb għall-ekosistemi tal-baħar; JISSOTTOLINJA li l-UE tappoġġa u tappella għall-konklużjoni fl-2021 ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż legalment vinkolanti dwar id-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ) skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) u ser tkompli tappoġġa d-deżinjazzjoni ta' żewġ żoni tal-baħar vasti protetti fl-Oċean tan-Nofsinhar u tas-Santwarju tal-Balieni tan-Nofsinhar tal-Atlantiku skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għar-Regolamentazzjoni tal-Kaċċa għall-Balieni li għalihom ser tuża s-saħħa diplomatika u l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni kollha tagħha biex tgħin tinnegozja ftehim; ITENNI n-natura unika u fraġli tal-bijodiversità tal-Artiku; JAFFERMA MILL-ĠDID li l-UE ser tibqa' tapplika tolleranza żero għal sajd illegali, mhux rappurtat jew mhux regolat, ser tippromwovi s-sajd sostenibbli kontra s-sajd żejjed u kontra l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet mhedda u speċijiet oħra, inkluż permezz tan-negozjati fid-WTO għal ftehim globali li jipprojbixxi s-sussidji lil sajd li jagħmel ħsara diretta lis-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut;
46. JAFFERMA li l-minerali tal-baħar fiż-Żona kif definita fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar ma tistax tiġi sfruttata qabel l-effetti tal-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar fuq l-ambjent tal-baħar, fuq il-bijodiversità tiegħu u fuq l-attivitajiet tal-bniedem fih ma jkunu ġew riċerkati biżżejjed, ir-riskji mifhuma u t-teknoloġiji u l-prattiki operazzjonali jkunu jistgħu juru li ma tkunx qed issir ħsara serja lill-ambjent, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni; u JITLOB li l-UE u l-Istati Membri tagħha japprovaw din il-pożizzjoni f'fora rilevanti;

47. JIEĦU L-IMPENN li jaħdem għal ftehim globali biex jitnaqqas l-iskart tal-plastik fil-baħar;
48. JILQA' l-impenji tal-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-bijodiversità fil-ftehimiet kummerċjali kollha kif ukoll biex tivvaluta aħjar l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali fuq il-bijodiversità, b'azzjoni ta' segwitu biex issaħħaħ id-dispożizzjonijiet tal-bijodiversità ta' ftehimiet ġodda u ta' ftehimiet eżistenti li jkunu qed jiġu modernizzati fejn rilevanti; JILQA' WKOLL l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta leġiżlattiva u miżuri oħra fl-2021 biex it-tqegħid fis-suq tal-UE ta' prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti jiġi evitat jew minimizzat;
49. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri żammew l-impenn tagħhom li jirdupjaw il-flussi finanzjarji għall-bijodiversità fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp u fl-ekonomiji fi tranżizzjoni; JISSOTTOLINJA li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-kooperazzjoni tagħhom mas-sħab u jsaħħu l-effiċjenza, il-kosteffikaċja, l-integrazzjoni tar-riżorsi disponibbli u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi ġodda u addizzjonali mis-sorsi kollha ta' appoġġ għal qafas globali għall-bijodiversità ambizzjuż għal wara l-2020; JENFASIZZA li l-finanzjament għall-klima u għall-bijodiversità jenħtieġ li jkunu ta' appoġġ reċiproku u li sehem dejjem akbar tal-finanzjament għall-klima jenħtieġ li jkollu kobenefiċċji għan-natura u l-bijodiversità;
50. JENFASIZZA r-rwol tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għall-iżvilupp u l-użu dejjem jiżdied tagħhom għat-tiżiħ globali tar-restawr, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità;
51. JAPPOĠĠA l-impenn tal-Kummissjoni li tieħu passi biex tħarrax il-għlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, pereżempju permezz tar-reviżjoni fl-2021 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi, u reviżjoni possibbli tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali, inkluż billi tinvestiga t-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għal tipi u livelli ta' pjeni kriminali; JITLOB lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta ambizzjuża għall-waqfien tal-kummerċ tal-avorju mis-suq tal-UE; JAPPELLA LILL-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex fi żmien qasir jieħdu miżuri xierqa mmirati lejn il-monitoraġġ, il-prosekuzzjoni u l-waqfien tal-importazzjoni illegali ta' organiżmi selvaġġi u laħam tal-annimali selvaġġi fil-fruntieri esterni tal-UE;

52. JENFASIZZA li l-UE ser tapplika tolleranza zero għall-kaċċa illegali u mhux regolata;
53. JENFASIZZA li fil-ħidma kollha tagħha, anke fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni globali, l-UE jenħtieġ li ssaħħa ir-rabtiet bejn il-protezzjoni tal-bijodiversità u d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-sensittività għall-kunflitti, l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, il-pussess tal-art u r-rwol tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali;
54. JILQA' l-fatt li bħala parti mill-isforzi globali tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu koalizzjonijiet li jappoġġaw il-bijodiversità mas-sħab u mas-soċjetà ċivili madwar id-dinja.
-